

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 146/2009**tal-20 ta' Frar 2009****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005 fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd mill-Kamerun****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

rekwiżiti taħt il-leġislazzjoni Komunitarja kienu mniżżla fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005. Il-Kamerun huwa għalhekk attwalment imniżżel fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 jipprovdi li prodotti li joriġinaw mill-annimali se jiġu importati biss minn pajjiż terz jew parti ta' pajjiż terz li jidher fuq il-lista mniżżla skont dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jstabbilixxi arranġamenti transitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ jipprovdi, b'deroga mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, li l-Istati Membri, minħabba ċerti kondizzjonijiet, jistgħu jawtorizzaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (3) Dawn il-pajjiżi terzi li fihom sa issa ma saret l-ebda spezzjoni Komunitarja biex tivverifika l-kondizzjonijiet sanitarji u taċċerta jekk il-kontrolli applikati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom humiex ekwivalenti għar-

- (4) Spezzjoni Komunitarja li twettqet il-Kamerun fl-2003 wriet nuqqasijiet serji fir-rigward tal-iġjene fit-trattament tal-prodotti tas-sajd u fil-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz biex iwettaq verifiki affidabbli fuq il-prodotti tas-sajd. Għaldaqstant, il-Kamerun ma jistax jipprovdi l-garanziji meħtieġa li l-prodotti tas-sajd inkisbu f'kundizzjonijiet għall-inqas ekwivalenti għal dawk li jirregolaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd fil-Komunità. Wara l-ispezzjoni, il-Kamerun issospenda l-esportazzjonijiet tiegħu ta' prodotti tas-sajd lill-UE.
- (5) Mill-2004, l-awtorità kompetenti tal-Kamerun ma infurmatx lill-Komunità bil-progress fl-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva biex tirrimedja n-nuqqasijiet osservati fl-2003. Fl-2008, il-Kamerun irrifjuta spezzjoni tal-Komunità fuq il-post bl-argument li l-ebda stabbiliment jew bastiment tas-sajd tal-Kamerun ma jipprevedi li jesporta prodotti tas-sajd lill-UE fi żmien qasir.
- (6) Għalhekk l-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' prodotti tas-sajd mill-Kamerun m'għandhomx jiġu awtorizzati aktar.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 2076/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; kif ikkorreġut bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; kif ikkorreġut bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83.

⁽³⁾ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 156.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX II

Lista ta' pajjiżi u territorji terzi li minnhom l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd fi kwalukwe forma għall-konsum mill-bniedem jistgħu jiġu permessi

AO — L-ANGOLA

AZ — L-AŻERBAJĠAN ⁽¹⁾

BJ — IL-BENIN

CG — IR-REPUBBLIKA TAL-KONGO ⁽²⁾

ER — L-ERITREA

IL — L-IŻRAEL

MM — IL-MYANMAR

SB — IL-GŻEJJER SOLOMON

SH — ST HELENA

TG — IT-TOGO

⁽¹⁾ Awtorizzat għall-importazzjoni tal-kavjar biss.

⁽²⁾ Awtorizzat biss għall-prodotti tas-sajd maqbuda, iffriżati u ppakkjati fl-imballaġġ finali tagħhom fuq il-baħar".
